MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 864/2002/1

**Emmanuele Degiorgio u Phyllis Degiorgio personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri John Degiorgio u b'nota tat-2 ta' Mejju 2007, John Degiorgio assuma l-atti f'ismu peress illi issa huwa maggorenni**

**v.**

**Twanny Moon u s-socjetajiet Lloyds (Malta) Ltd u Rausi Insurance Agency Ltd. intervenuti fil-kawza "in statu et terminis" skond digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2002, u b'digriet tal-14 ta' Gunju 2007, l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati**

**biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Twanny Moon li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:
"Peress lli fit-3 ta' Lulju 1999 waqt illi John Degiorgio, it-tifel minuri tal-atturi, kien passiggier fil-vettura tal-marka Fiat (Seat) bin-numru ta' Registrazzjoni HAE409 misjuqa mill-konvenut Twanny Moon li kien qieghed issuq dina l-vettura fit-Triq il-Missjoni Taljana Kalkara minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku l-istess Twanny Moon baqa diehel bil-vettura imsemmija gol-hajt fl-istess triq.

"Peress illi b'rizultat ta' dan l-incident John Degiorgio sofra danni risultanti minn korriiment serju u ta' natura gravi li jwasslu ghall-inkapacita' ta' natura permanenti, liema inkapacita' twassal ghad-danni attwali kif ukoll sejra twassal ghal danni futuri "lucrum cessans" u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

"Peress illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dawn id-danni permanenti stante illi John Degiorgio t-tifel tal-atturi kien passiggier fil-vettura involuta fl-incident imsemmi.

"Peress illi l-konvenut personalment kif ukoll tramite l-assikurazzjoni tieghu interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-attur baqgha inadempjenti, kellha ssir din il-kawza.

"Jghid ghalhekk il-konvenut prevja kull dikjarazzjoni necessarja ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandux jigi minn din il-Qorti dikjarat u deciz:-

"1. Il-konvenut kien responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Lulju 1999 fit-Triq il-Missjoni Taljana u li rizultat tieghu l-attur sofra korriment serju u ta' natura gravi li jwasslu ghall-inkapacita ta' natura permanenti.

"2. Ghaliex dawn id-danni ma ghandhomx jigu minn dina l-Qorti likwidati okkorrendo bl-opera ta’ Periti nominandi.

"3. Ghaliex il-konvenut ma ghandux jigi kkundannat jhallas lill-atturi nomine dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma’ l-imghaxijiet legali.

"Bl-ispejjez kollha kontra il-konvenuti komprisi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Marzu 2000 kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Marzu 2000 u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Ottubru 2002, li in forza tieghu gew awtorizzati jintervjenu *in statu et terminis* is-socjetajiet **Lloyds (Malta) Limited** bhala rapprezentanti *ex lege* tal-membri ta' Lloyds li flimkien jifformaw is-*syndicates* ta' Lloyds liema *syndicates* igibu n-numri 314, 219, 727, 510, 990, 570, 183, 991, 805, 974, 376 u 780 u dawn bhala assikuraturi taht il-polza ta' assikurazzjoni li ggib in-numru LIBMO534, kif ukoll is-socjeta` **Rausi Insurance Agency Limited** bhala agenti ossija rapprezentanti lokali tas-syndicates hawn imsemmija.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intervenuti fil-kawza li in forza taghha eccepew illi:
"1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-Artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-karozza li fiha sehh l-allegat incident ma setghetx kienet il-vettura SEAT HAE 409, izda xi vettura ohra li fuqha twahhlu llegalment, minn terzi skonoxxuti, il-pjanci in kwistjoni.

3. Illi fin-nuqqas illi tirnexxi l-ewwel eccezzjoni, l-intervenuti ser jitolbu l-kjamata fil-kawza ta' diversi persuni li pperpetraw dawn l-illegalitajiet li jistghu jkunu ta' deteriment ghall-intervenuti, fosthom Claude Abela li huwa l-assikurat ta' l-intervenuti."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Twanny Moon li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi l-azzjoni tad-danni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Illi minghajr pregudizzju, l-azzjoni ghad-danni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili Kap. 16.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident tat-3 ta' Lulju 1999, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tal-intervenuti fil-kawza billi tiddikjara preskritti t-talbiet attrici u ghalhekk tichad l-istess talbiet.

L-ispejjes jithallsu mill-atturi barra dawk tal-intervenuti fil-kawza li ghandhom jithallsu minnhom stess."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-konvenuti qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kodici Civili illi jghid illi *L-azzjonijiet ghall-hlas tal-hsarat mhux kagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.*

"L-artiklu li jigi warajh jghid li l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni civili ghall hlas tal-hsarat ikkagunati b’reat ghandha tkun regolata bir-regoli illi hemm fil-Kodici Kriminali dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

"Fil-kaz in ezami, l-atturi qed jitolbu danni kawzati skond huma minn incident stradali li ghalih kien responsabbli l-konvenut u li minhabba fih wegga’ binhom minuri. Ghalhekk billi l-istitut tal-preskrizzjoni huwa wiehed illi jillimita jekk mhux jelimina dritt li jista’ jkollu xi hadd, dawn l-artikoli ghandhom jigu interpretati favur l-atturi.

"Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine (1 ta' Lulju 1997);

*"Kien dejjem kostantament ritenut fid-dottrina li giet ukoll segwita mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi dan l-istitut ghandu jigi ritenut bl-iktar mod restrittiv u li fil-kamp civili l-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni moghtija a bazi tal-preskrizzjoni la b'mod generiku u lanqas billi tapplika artikolu tal-Ligi b'analogija ma artikolu iehor.*

"Ghalhekk billi hemm possibilita' li dawn id-danni kienu rizultat ta' reat il-Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Kodici Kriminali billi jigi individwat dan ir-reat. Ma gewx prodotti ebda provi fir-rigward billi l-partijiet strahu fuq l-atti tal-kawza.

"L-artiklu rilevanti tal-Kodici Kriminali hu dak 226 li jghid li kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskurgani jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jikkaguna debilita' permanenti (kif qed jigi allegat mill-atturi) il-hati jista' jehel mhux izjed minn sitt xhur habs u elf lira multa. Skond l-artiklu 688 (e) il-preskrizzjoni ghal dan ir-reat hija ta' sentejn.

"Naturalment kif infatti irreteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet <u>Quintano vs Calleja</u> (deciza 5 ta' April 1993),

*"Il-Qorti ma tifhimx kif qatt il-konvenuti jippretendu illi tiddecidi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni minghajr ma tindaga minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi ghaliex hija l-Ligi li tistabilixxi f'kull kaz id-dati li minnhom tibda tiddekorri u li fiha jaghlaq kull perjodu ta' preskrizzjoni.*

"F'din il-kawza l-preskrizzjoni ghandha tibda ghaddejja minn dak in nhar li sehh l-incident billi kien minn dak in nhar li l-kawza setghet giet istitwita. Ghalhekk il-prejodu preskrittiv beda ghaddej mit-3 ta' Lulju 1999.

"Il-prejodu gie interrot f'Marzu 2000 meta saret interpellazzjoni gudizzarja (ghalkemm l-ittra ufficjali ma gietx esebita). Minn dak in nhar pero' ghaddew iktar minn sentejn biex giet istitwita l-kawza li giet intavolata fil-25 ta' Lulju 2002. L-argumenti l-ohra imressqa mill-atturi fin-nota taghhom ma jistghux ikollhom rilevanza ghaliex ma tirrizulta ebda interruzjoni ohra mill-atti tal-kawza. Ghal kull buon fini ukoll il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni tat-talba kontenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi biex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u jitressqu provi dwar dan ghaliex it-talba ma saritx kif kellha ssir (b'rikors)."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu t-thassir u r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-15 ta' Novembru 2004, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenut u l-intervenuti fil-kawza u tibghat l-atti lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex quddiemha jigu prodotti l-provi necessarji u sussegwentement tigi trattata u deciza. Bl-ispejez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intervenuti li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu c-cahda ta' l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi;

Semghet lid-difensuri ta' l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza titratta incident ta' traffiku li sehh fit-3 ta' Lulju 1999, waqt li John Degiorgio, dak iz-zmien tifel minuri ta' l-atturi, kien passiggier f'karozza misjuqa mill-konvenut u dan ta' l-ahhar baqa' diehel bil-vettura f'hajt fl-istess triq. Il-minuri allegatament sofra griehi ta' natura permanenti b'rizultat ta' l-incident, u gew istitwiti dawn il-proceduri ghar-rizarciment tad-danni li garrab il-minuri.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li qieset l-azzjoni preskritta. Il-preskrizzjonijiet eccepiti huma dawk kontemplati fl-Artikoli 2153 u 2154(1) tal-Kodici Civili. L-atturi appellaw mis-sentenza u ressqu sitt aggravji li se jigu trattati wiehed, wiehed.

A. Fl-ewwel lok, l-appellanti jilmentaw mill-fatt li t-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza mressqa quddiem l-ewwel Qorti kienet giet michuda. Din il-Qorti tinnota, pero`, li tali talba saret fl-ahhar parti tan-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom wara li l-partijiet kienu gia` qablu li, dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kellhom jigu skambjati noti ta' l-osservazzjonijiet u wara li s-socjetajiet intervenuti kienu diga` ressqu s-sottomissjonijiet taghhom. Fil-fatt, fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2004, li fiha kienu prezenti l-attur u d-difensuri tieghu, gie vverbalizzat li l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bil-fakolta` ta' noti ta' sottomissjonijiet mill-parijiet; ma saret ebda talba jew riserva biex jitressqu xi provi fil-kuntest ta' dik l-eccezzjoni. Jidher car li l-partijiet, ghall-fini ta' dik l-eccezzjoni, strahu fuq l-atti tal-process, u kien irritwali, jekk mhux kontra kull principju ta' etika, li talba ghas-smigh ta' provi ssir *in estremis* u di piu` minghajr ma giet uzata l-procedura appozita. Fuq dan l-ahhar punt jista' jizdied li l-appellanti ma setghux, bil-mera volonta` unilaterali u arbitrarja taghhom, jidderogaw mill-vot tal-ligi, ghax kif jinsab affermat "*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante una convenzionismo di forma non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens*" (Kollez. Vol. XVIII PI p19). Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXIII PI p46, Vol. XXXVI PI p204, Vol. XLIX PI p421** u **Carmelo Attard et nomine v. Domenic Micallef et nomine**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2000.

Dan l-ewwel aggravju qieghed, ghalhekk, jigi michud.

B. L-appellanti, fit-tieni aggravju taghhom, jallegaw li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, mill-atti

kellu jirrizulta pruvat li l-minuri sofra griehi ta' natura permanenti rizultat ta' l-incident in kwistjoni. Mill-atti tal-kawza, pero`, jirrizulta biss li qed jigi allegat li l-minuri sofra inkapacita` b'rizultat ta' l-incident, izda ma tressqu ebda provi biex juru dan. Anke fid-dikjarazzjoni mahlufa mill-attrici jinghad biss li, b'rizultat ta' l-incident, il-minuri sofra griehi ta' natura permanenti "kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza"; tali prova, kif inghad, baqghet ma saritx.

Del resto, ghall-fini ta' l-eccezzjoni trattata u deciza mill-ewwel Qorti, il-prova li xtaqu jaghmlu l-atturi li l-minuri "sofra inkapacita` ta' natura permanenti b'rizulat ta' reat punibbli taht il-Kodici Kriminali" giet ikkunsidrata mill-ewwel Qorti, peress li qieset li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik tar-reat kriminali li kkommetta l-konvenut u dan kif kontemplat fl-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili. Fil-fatt, dik il-Qorti osservat illi peress li kien hemm possibilita` li d-danni kienu rizultat ta' reat, "il-Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Kodici Kriminali billi jigi individwat dan ir-reat". Dik il-Qorti rriferiet ghall-provveddimenti tal-Kodici Kriminali sabiex individwat il-preskrizzjoni applikabbli, s'intendi skond il-piena applikabbli fl-1999 (stante li fl-2002 il-piena fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9 inbidlet).

Kwindi dan it-tieni aggravju mhux misthoqq.

C. Bit-tielet aggravju taghhom, l-appellanti ghamlu biss rakkont ta' fatti biex juru d-diffikulta` li kellhom sabiex jaslu ghall-informazzjoni dwar is-socjeta` assikuratrici tal-vettura involuta fl-incident. Wara dan ir-rakkont, pero`, ma tressaq ebda ilment ta' natura legali fil-konfront tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u din il-Qorti ma tarax ghalxiex qed jippruvaw iwasslu l-atturi appellanti, specjalment fid-dawl tal-fatt li l-awtur ta' l-incident kien maghruf u indikat mill-mument stess li sehh l-incident.

D. Fir-raba' lok, l-appellanti jsostnu li, f'kull kaz, l-azzjoni taghhom ma kenitx preskritta. Huma mhux qed jallegaw li l-preskrizzjoni applikabbli mhux dik invokata u applikata mill-ewwel Qorti, cioe`, dik ta' sentejn skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali - fil-fatt, il-Prim Awla tal-Qorti

Civili fil-kawza **Agius v. Zammit et**, deciza fil-5 ta' Ottubru 1993, kienet osservat li azzjoni ghal danni rizultat ta' incident ta' traffiku mhux soggetta ghall-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, izda ghal dik relatata mar-reat skond il-Kodici Kriminali kif jiddisponi l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili - izda peress li t-terminu tal-preskrizzjoni kien gie interrott (i) bin-notifiki li saru kontra l-konvenut quddiem il-Qorti Kriminali, u (ii) bil-fatt li s-socjeta` assikuratrici dahlet f'kontrattazzjoni ma' l-atturi. Dawn is-sottomissjonijiet jimmeritaw analizi aktar approfondita milli nghatat mill-ewwel Qorti.

Bl-ewwel sottomissjoni taghhom, l-appellanti qeghdin jikkonsidraw l-atti tal-process penali li kien ittiehed kontra l-konvenut bhala interrottivi tal-preskrizzjoni civili. Il-Qorti tirrileva, pero`, li fl-atti m'hemmx provi ta' kif tmexxa l-process kriminali, u lanqas ma gie indikat kif u meta saru, jekk saru, notifiki lill-konvenut tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu.

F'kull kaz, din il-Qorti ma taqbilx li r-regoli interrottivi tal-preskrizzjoni li jinsabu fil-Kodici Kriminali ghandhom japplikaw ukoll ghal process civili. Meta l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Ciivli jikwalifika l-agir doluz bhala reat ghall-fini tal-preskrizzjoni, jaghmel dan limitatament biex jistabilixxi <u>z-zmien</u> tal-preskrizzjoni, pero`, ir-regoli ghas-sospensjoni jew interruzzjoni ta' dak iz-zmien jibqghu dawk kontemplati fil-Kodici Civili. Fil-fatt, l-Artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili jinsab fis-sub-titolu li jitratta "Fuq iz-Zmien mehtieg ghall-Preskrizzjoni", u r-regoli li jissospendu jew li jiksru l-preskrizzjoni jinsabu enuncjati fl-artikoli precedenti. Dawn l-artikoli ma jikkontemplawx interruzzjoni b'rizultat tal-process penali, izda jipprovdu regoli precizi u appoziti, u anke b'mod esklussiv, ta' xi jwassal ghall-interuzzjoni (ara bhala rifless fuq dan, id-decizjoni ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Psaila v. Slabick**, deciza fid-9 ta' Frar 2005, u **Aquilina noe v. Ellul**, deciza mill-indikata Qorti fis-16 ta' Gunju, 1994).

Oltre dan, kif tajjeb osservaw is-socjetajiet appellati, l-azzjoni civili hija distinta u separata minn dik kriminali, u azzjoni wahda ma tiddependix minn ohra. Il-

prosegwiment ta' kawza fi tribunal wiehed m'ghandux jiddependi minn x'jigri jew ma jigrix quddiem tribunal iehor li ghandu gurisdizzjoni u kompetenza separata u distinta.

It-tieni sottomissjoni hija aktar interessanti, pero`, giet impostata hazin mill-appellanti. Il-kontrattazzjonijiet li jsiru bejn parti u s-socjeta` assikuratrici jistghu, meta c-cirkostanzi jippermettu, iwasslu mhux ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, izda ghal kapovoligiment tan-natura ta' l-obbligazzjoni minn wahda bazata fuq id-delitt jew kwazi-delitt ghal wahda kuntrattwali. Dan gie spjegat b'mod car minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Untours Insurance Agents Ltd. v. Azzopardi**, deciza fit-23 ta' Jannar 2004, fejn intqal hekk a propositu:
"Tajjeb li jigi osservat illi kif drabi ohra ntqal mhux eskluz fit-teorija li s-sitwazzjoni koncepita mis-socjeta` appellanti tista’ tinholoq fejn id-danneggjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaguna l-hsara jidhlu f’relazzjoni diretta bejniethom, li bhala rizultat taghha, s-socjeta` assikuratrici tassumi pjenament ir-responsabilita` ghall-hlas tad-danni, u dana bl-accettazzjoni da parte tad-danneggjat li jehles lil min kien ikkagunalu l-hsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jehtieg li jkun esplicitu, car u univoku u maghmul fil-forma li tezigi l-ligi. Ftehim li jrid ukoll isir in osservanza tal-provvedimenti tal-Kap 104. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet “**Joseph Mallia –vs- Joseph Falzon et**”, Appell, Sede Inferjuri 31 ta’ Lulju 1996.

"Minn dan huwa desumibbli illi r-rapport kontrattwali jinholoq bejn it-third party u l-assikurazzjoni tad-danneggjant in kwantu r-relazzjoni bejn l-istess third party u d-danneggjant tibqa’ wahda naxxenti minn kwazi delitt. Dan hu wkoll il-hsieb li jemergi mis-sentenza kwotata mill-istess socjeta` appellanti u li tinsab riportata a **Vol XXXVII pI p140**.

"Fiha gie ritenut illi meta l-kumpanija assikuratrici tircievi l-claim mit-third party, tipprocessah, u tistabilixxi l-ammont tal-indennizz allura bejn il-kumpanija assikuratrici u t-third party jinholoq rapport gdid, dak cjoe`, li l-kumpanija jekk ikun il-kaz, thallas it-third party in bazi ghal polza tas-sikurta`. Huwa f’dan li l-posizzjoni guridika tghaddi mill-fazi

ta’ azzjoni ‘ex delicto’ ghal dik ta’ adempiment jew inadempiment kontrattwali, li minnha tista’ tohrog l-azzjoni ‘ex contractu’ li hija preskrivibbli zmien hames snin."

Issa, apparti l-iskarsita` tal-provi, fil-kaz prezenti ma jidhirx li jista' jinghad b'certa konvinzjoni illi jezisti rapport bhal dak appena deskritt fil-kaz in diskussjoni. Mill-korrispondenza esebita jirrizulta car li l-kumpanija assikuratrici kienet biss qed titlob informazzjoni fuq il-kaz, pero`, qatt ma accettat xi forma ta' responsabbilita`. Anzi, b'ittra tad-19 ta' Novembru 2001 (fol. 20 ta' l-atti ta' l-appell), ufficjal tas-socjeta` assikuratrici informa lil-legali ta' l-atturi li "*I feel I owe it to my principals not to admit liability as insurer concered in this particular case as there are still too many questions unanswered*". Li jfisser illi gialadarba ma tezisti l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabbilita`, la konfessata jew b'sentenza, allura l-ebda rapport dirett jew indirett ma nholoq bejn il-persuna danneggjata u l-kumpanija assikuratrici. Il-fatt illi l-kumpanija assikuratrici bdiet tezamina l-*claim* f'isem il-konvenut assigurat ma jgibx '*ut sic*' il-holqien ta' rapport guridiku gdid, meta dak l-istess ezami ma wassal ghall-ebda vinkolu jew ftehim.

Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, l-abbli difensur ta' l-appellanti rrefera l-Qorti ghall-Artikolu 2125(d) tal-Kodici Civili li jinterrompi l-preskrizzjoni "matul dak iz-zmien li fih ikun qed isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi whud minnhom jew l-assigurati taghhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin". Din ir-riserva giet introdotta fil-Kodici Civili bl-Att VI tal-2004 (ippubblikat fl-20 ta' Lulju, 2004), u cioe`, meta t-terminu preskrittiv kien gia` skada. L-azzjoni in kwistjoni kienet gia` perenta meta giet introdotta din l-emenda, u fin-nuqqas ta' klawsola tranzitorja cara u esplicita bdil fir-regoli tal-preskrizzjoni ma jistghux iservu biex iqajjmu azzjoni li tkun gia` mejta. (Ara **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Caruana**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007).

Apparti dan, din il-Qorti hi tal-fehma li meta l-ligi titkellem fuq "negozjati", qed tirreferi ghal diskussjonijiet intizi biex iwasslu ghal ghan gia` maqbul, u mhux ghal

diskussjonijiet jew skambju ta' korrispondenza li ghad ma jkollhomx fini determinat. Biex jinghata ezempju, jekk hemm qbil li wiehed se jixtri u l-iehor se jbiegh fond, nistghu nitkellmu fuq "negozjati" biex isir qbil fuq il-prezz u l-kondizzjonijiet l-ohra tal-bejgh, izda jekk wiehed irid jixtri u l-iehor ghad ma jridx ibiegh, id-diskussjonijiet li jkunu qed isiru ma jistghux jitqiesu bhala "negozjati" immirati ghall-konkluzjoni ta' ftehim.

F'dan il-kaz, jidher li ma kien hemm xejn maqbul. Is-socjeta` assikuratrici kienet biss qed titlob informazzjoni dwar l-incident u l-vettura involuta, u f'ebda stadju ma accettat responsabbilita` jew bdiet negozjati bl-iskop li jintlahaq ftehim dwar il-*quantum* tar-rizarciment. Ma jistax jinghad, allura, li f'dan il-kaz, kien hemm "negozjati" ghaddejjin bi hsieb li jigi konkluz ftehim.

Dan ir-raba' aggravju ta' l-appellanti, ghalkemm wiehed interessanti, ma jimmeritax li jkun akkolt.

E. Fil-hames lok, l-appellanti josservaw illi ma saret ebda referenza ghall-artikolu tal-Kodici Civili relattiv ghall-preskrizzjoni sollevata, u dan peress li s-socjetajiet intervenuti rreferew ghall-Artikolu 2154 u mhux ghall-Artikolu 2154(1). Filwaqt li din il-Qorti kienet taccetta dan l-argument li kieku l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili kien jikkontempla diversi termini preskrittivi jew diversi sitwazzjonijiet milquta bl-istess terminu (ara **Gauci v. Farrugia**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju, 2005) f'dan il-kaz l-Artikolu 2154 jitratta preskrizzjoni wahda, ghaliex fit-tieni inciz tieghu jitkellem fuq principju regolatorju ta' l-istess terminu preskrittiv, u mhux fuq perijodu ta' preskrizzjoni iehor. Dan l-artikolu jitkellem biss u b'mod generali fuq il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, u kwindi riferenza specifika ghal dak l-artikolu hija sodisfacenti.

F. Fl-ahharnett, l-appellanti jissottometti li n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Moon giet ipprezentata tardivament u kellha tigi sfilzata. Il-Qorti tirrileva, pero`, li wara l-prezentata ta' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet saru

diversi seduti quddiem il-Qorti, u gewipprezentati diversi atti relatati mal-kaz, u l-atturi qatt ma opponew li dik in-nota tibqa' fl-atti u qatt ma talbu l-isfilz taghha. Huwa risaput li parti ghandha konoxxenza ta' dak li jirrizulta fil-process, almenu fil-mument ta' l-udjenza ghal dak li jkun sar jew gie pprezentat qabel, u jekk ihalli l-kawza tipprocedi minghajr ma jissolleva xejn fuq dak li sehh precedentement, huwa jitqies li jkun tacitament accetta dak kollu li jkun sar.

Apparti dan, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet sollevata mis-socjetajiet intervenuti wkoll, u kwindi, f'kull kaz, fil-konfront taghhom, l-azzjoni hi zgur perenta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi appellanti, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-istess atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------